# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa**
**Disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru 2024**

**Rikors Numru 252/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**360 Food Imports Limited (C46590)**

**Vs**

**Direttur Ġenerali (Dwana)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 22 ta' Marzu 2021, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

   *Illi s-soċjeta' esponenti topera fil-qasam tal-importazzjoni u bejgħ lokalment bl-ingross ta' diversi prodotti tal-ikel u x-xorb fosthom xorb alkoħoliku;*

   *Illi nhar il-11 ta' Jannar 2021 l-uffiċjali tad-Dwana attendew ġewwa l-imħażen tas-soċjeta' rikorrenti, fejn wara spezzjoni fl-istess maħżen instabu numru ta' tikketti tas-Sisa u kwantita ta' inbejjed fl-istess maħżen u dan kif aħjar deskritti fin-Nota ta' Qbid maħruġa mid-Direttur intimat, hawn anness (Dok. A);*

   *Illi minn riċerka li saret mill-istess uffiċjali tad-dwana, irriżulta li l-merkanzija in kwistjoni kienet kollha debitament irreġistrata mad-Dwana ta' Malta u kollha bid-dazju debitament imħallas;*

   *Illi minkejja dan l-uffiċjali tad-Dwana xorta waħda issekwestraw l-imsemmija xorb alkoħoliku u tikketti tas-Sisa u dan skond huma għaliex it-tikketti tas-Sisa ma kinux imwaħħla;*

*Illi minkejja li d-deriġenti tas-soċjeta' rikorrenti spjegaw lill-imsemmija Uffiċjali tad-Dwana li t-tikketti ma kinux imwaħħla minħabba force majeure ossia minħabba prekawzjonijiet relatati mal-imxija tal-Covid19 u minkejja li tali prodotti kienu jinsabu fl-imħażen tas-soċjeta' rikorrenti w għalhekk b'ebda mod ma kienu qegħdin jimmanifatturaw, jipproċessaw, jippreparaw għall-bejgħ, juru jew joffru għall-bejgħ, biegħu jew xort'oħra neħħew l-inbejjed mingħajr tikketta tas-Sisa, l-Uffiċjali tad-Dwana xorta waħda għoġobhom li jissekwestraw l-imsemmija konsenja ta' xorb ossia inbejjed li kienet maħżuna fil-maħżen tas-soċjeta' rikorrenti;*

*Illi permezz ta' Nota ta' Qbid numru 32/2021, datata 11 ta' Frar 2021, is-soċjeta' rikorrenti ġiet infurmata li l-inbejjed in kwistjoni kienu qegħdin jiġu maqbuda allegatament minħabba ksur tar-Regolament 13 tat-Taqsima F fit-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju tas-Sisa ossia ta' Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta u dan hekk kif aħjar jidher fuq l-istess Nota ta' Qbid (Dok. A);*

*Illi s-soċjeta' rikorrenti ħassitha ferm aggravata mid-deċiżjoni w għalhekk informat lid-Direttur Ġenerali tad-Dwana li hija kienet ser tikkontesta l-qbid skond il-liġi u dan hekk kif jidher minn Dok. B;*

*Illi l-merkanzija maqbuda hija tat-tip li titħassar mat-trapass qasir taż-żmien;*

*Jgħid għalhekk l-intimat Direttur Ġenerali (Dwana) għaliex għar-raġunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja:-*

1. *Tiddeċiedi din il-kawża bl-urġenza stante li l-merkanzija in kwistjoni tikkostitwixxi perishables;*
2. *Tiddikjara illi n-Nota ta' Qbid numru 32/2021, datata 11 ta' Frar 2021 inħarġet inġustament, b'mod arbitrarju w inġust u għalhekk għandha tiġi revokata u sussegwentement tiddikjara illi l-istess Nota ta' Qbid hija nulla u mingħajr effett;*
3. *Tordna lill-intimat jirrilaxxa kull oġġett jew merkanzija miżmuma fil-pussess tiegħu li jappartjeni lis-soċjeta' rikorrenti, u f'każ li l-merkanzija maqbuda tilħaq titħassar biż-żmien, tillikwida d-danni sofferti mis-soċjeta' rikorrenti bħala konsegwenza tal-imsemmija qbid, anke bl-opera ta' Periti nominandi u konsegwentement tordna lill-intimat li jħallas lis-soċjeta' rikorrenti d-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż kollha u bl-interessi kontra l-konvenut li jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fid-12 ta' Mejju 2021, l-intimat Direttur Ġenerali (Dwana) laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiża:

   1. *Illi preliminarjament, u għal kull bon fini, l-Avukat tal-Istat għadu ma ġiex notifikat ai termini tal-**artikolu 181B(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;*

2. *Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li għandu x'jaqsam mal-ewwel talba tas-soċjeta` rikorrenti, l-urġenza vantata minnha minħabba li l-oġġetti maqbuda huma perishables ma treġix ġjaladarba s-soċjeta` rikorrenti għadha f'pożizzjoni li bl-applikazzjoni tal-**artikolu 29(2)(a) tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta** titlob lura l-oġġetti in kambju għal garanzija li tingħata lill-esponent sabiex tagħmel tajjeb għall-oġġetti in kontestazzjoni;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu, it-talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma insostenibbli ai termini tal-provvedimenti tal-**Att Dwar Dazju tas-SISA (Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta)** u dan għar-raġunijiet segwenti:*

   i) *Illi permezz tal-azzjoni odjerna, s-soċjeta` rikorrenti qed tikkontesta n-Nota ta' Qbid li ġġib in-numru ta' referenza 32/2021 datata ħdax (11) ta' Frar, 2021;*

   ii) *Illi minn spezzjoni magħmula mill-uffiċjali tad-Dwana nhar il-ħdax (11) ta' Jannar, 2021, fl-istabbiliment Drinks Unlimited instabu fliexken tal-inbid b'tikketti tas-Sisa ta' lewn fiddien imwaħħlin fuqhom u li m'għadhomx in ċirkolazzjoni;*

   iii) *Illi appena ġie konstatat li dawn il-fliexken ġew mingħand is-soċjeta` rikorrenti, l-uffiċjali tad-Dwana għaddew sabiex jagħmlu spezzjoni fl-imħażen ta' 360 Foods Limited fejn hemmhekk instab ammont sostanzjali ta' inbid mingħajr it-tikketti appożiti mwaħħlin u tikketti tas-SISA mhux imwaħħla (fosthom tikketti tas-SISA li jifformaw parti minn dawk misjuba fl-istabbiliment Drinks Unlimited ta' lewn fiddien u li m'għadhomx jintużaw), u dan bi ksur flagranti tar-**Regolament 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Att Dwar Dazju tas-SISA**;*

   iv) *Illi l-aġir tas-soċjeta` rikorrenti joħloq żbilanċ fil-konfront ta' negozjanti oħra li josservaw il-liġijiet fiskali bir-reqqa oltre għall-fatt li tali prattiċi jistgħu jkunu detrimentali għall-errarju pubbliku kif se jirriżulta aħjar matul din il-kawża;*

   v) *Illi b'konsegwenza ta' dan, l-esponent Direttur Ġenerali (Dwana) għadda sabiex jaqbad mingħand is-soċjeta` rikorrenti u fil-preżenza tas-sidien tal-istess kumpannija, sitta u tletin elf tlett mija tmienja u tmenin (36,388) flixkun inbid (lista annessa man-nota ta' qbid), tnax-il elf tmien mija u tlettax-il (12,813) tikketta ta' lewn fiddien mhux imwaħħla, u sitta u għoxrin elf u disa' u għoxrin (26,029) tikketta tas-SISA mhux imwaħħla derivanti mingħand Opsec;*

   vi) *Illi minn verifiki sussegwenti li għamel l-esponent, rriżulta wkoll li l-imħażen ta' 360 Foods Limited m'humiex reġistrati mad-Dwana Maltija bħala mħażen tas-Sisa u b'hekk żġur li s-soċjeta` rikorrenti ma setgħetx tibbenefika mill-ebda eżenzjoni taħt il-**Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta**;*

4. *Illi għalhekk, għar-raġunijiet fuq esposti jirriżulta li l-esponent Direttur Ġenerali (Dwana) ottempra ruħu mal-liġi, u l-qbid prospettat kien wieħed ġustifikat;*

5. *Illi fir-rigward tat-tielet talba rikorrenti, l-proċedura odjerna qiegħda ssir ai termini tal-**artikolu 28 tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta**, u għalhekk il-kompitu ta' din l-Onorabbli Qorti huwa limitat sabiex tistħarreġ jekk il-qbid odjern kienx magħmul skont il-liġi, u mhux sabiex tillikwida danni allegatament sofferti mis-soċjeta` rikorrenti f'każ li l-merkanzija titħassar biż-żmien. Jekk għas-saħħa tal-argument din l-Onorabbli jidhrilha li għandha tordna r-rilaxx tal-oġġetti għaliex il-qbid ma kienx konsoni mal-liġi, f'każ li dawn l-oġġetti jkunu ddeterjoraw jew saħansitra tħassru, l-**artikolu 29(3) tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi għall-mod ta' kif is-soċjeta` rikorrenti għandha tkun kumpensata;*

6. *Salv eċċeżżjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tas-soċjeta` rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjeż.*

3. Rat illi fis-16 ta' April 2021 il-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għal-24 ta' Mejju 2021.

**Provi**

4. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mis-soċjeta' rikorrenti, ossija Nota ta' Qbid Nru 32/2021 datata 11 ta' Frar 2021. (fol 4)

5. Rat l-affidavit ta' **Neil Ellul Sullivan**, Direttur tas-soċjeta' rikorrenti, ippreżentat fit-30 ta' Settembru 2021. (fol 23)

6. Rat l-affidavit ta' **Gino Balzia**, Store Keeper tas-soċjeta' rikorrenti, ippreżentat fit-30 ta' Settembru 2021. (fol 25)

7. Rat l-affidavit ta' **Wayne Caruana**, Helper tas-soċjeta' rikorrenti, ippreżentat fit-30 ta' Settembru 2021. (fol 26)

8. Semgħet ix-xhieda ta' **Dr Charmaine Gauci**, Supretendent tas-Saħħa Pubblika, prodott mis-soċjeta' rikorrenti u mogħtija fil-21 ta' Marzu 2022 u rat id-dokumentazzjoni minnha ppreżentata. (fol 39)

9. Semgħet ix-xhieda ta' **Sandro Sammut**, Executive Environmental Practitioner tas-Sanita', prodott mis-soċjeta' rikorrenti u mogħtija fil-21 ta' Marzu 2022 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentati. (fol 54)

10. Semgħet ix-xhieda ta' **Michael Grima**, Spettur tad-Dwana, prodott mis-soċjeta' rikorrenti u mogħtija fit-2 ta' Ġunju 2022. (fol 70)

11. Semgħet ix-xhieda ta' **Redeemer Farrugia**, Fizzjal tad-Dwana, prodott mis-soċjeta' rikorrenti u mogħtija fis-26 ta' Ottubru 2022. (fol 78)

12. Rat illi fis-26 ta' Ottubru 2022, is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

13. Rat l-affidavit ta' **David Byron**, Spettur tad-Dwana, prodott mill-intimat u ppreżentat fis-26 ta' Jannar 2023 flimkien ma' dokumentazzjoni. (fol 87)

14. Rat l-affidavit ta' **Matthew Cesareo**, Uffiċjal tad-Dwana, prodott mill-intimat u ppreżentat fis-26 ta' Jannar 2023 flimkien ma' dokumentazzjoni. (fol 89)

15. Rat l-affidavit ta' **Priscilla Haidon**, Fizzjal tad-Dwana, prodott mill-intimat u ppreżentat fis-26 ta' Jannar 2023 flimkien ma' dokumentazzjoni. (fol 99 - 329)

16. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' **Gino Balzia** prodott mill-intimat u mogħtija fl-10 ta' Mejju 2023. (fol 331)

17. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' **Neil Ellul Sullivan** prodott mill-intimat u mogħtija fil-11 ta' Jannar 2024. (fol 335)

18. Rat illi fil-11 ta' Jannar 2024, il-partijiet ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw.

19. Rat illi fis-26 ta' Marzu 2024, is-soċjeta' rikorrenti ippreżentat is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub.

20. Rat illi fit-13 ta' Ġunju 2024, l-intimat ippreżenta is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub.

21. Rat illi fit-13 ta' Ġunju 2024, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Fatti**

22. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti hija soċjeta' illi taħdem fil-qasam ta' l-importazzjoni u bejgħ lokali bl-ingrosss ta' diversi prodotti tal-ikel u xorb, fosthom xorb alkoħoliku, u topera minn ġewwa l-imħażen tagħha ġewwa Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, fejn ilha topera għal madwar tnax-il sena.

23. Jirriżulta illi, fil-11 ta' Jannar 2021, Uffiċjali tad-Dwana kienu qed jagħmlu spezzjoni ġeneriċi ġewwa ħwienet tax-xorb meta indunaw illi kien hemm numru ta' flixken tax-xorb prodott reċentement illi kellhom imwaħħlin tikketti tas-Sisa antiki, ossija tal-kulur fidda, liema xogħol ġew mgħarrfa minn sid tal-ħanut li ġew impurtati mis-soċjeta' rikorrenti.

24. Jirriżulta illi dana wasal sabiex l-uffiċjali ikomplu bl-istħarriġ tagħhom u marru dakinhar stess ġewwa l-imħażen tas-soċjeta' rikorrenti ġewwa Ħaż-Żebbuġ.

25. Jirriżulta illi, hekk kif daħlu fil-maħżen tas-soċjeta' rikorrenti, setgħu josservaw illi kienu qed jinżammu numru konsiderevoli ta' xorb ġewwa tali maħżen mingħajr ma kellhom ebda tikketta tad-dazju fihom, u dana minkejja illi s-soċjeta' rikorrenti, bħala '*Registered Consignor*', kellha l-obbligu illi twaħħal faxxa tas-Sisa fuq kull flixkun minnha impurtat, u dana sa żmien ħamest (5) ijiem minn meta takkwista l-faxxa tas-Sisa, liema faxxa hija neċessarja sabiex ikunu jistgħu joħorġu x-xorb mid-dwana, peress illi hija prova li tħallas id-dazju fuq ix-xorb akoħoliku minnha impurtat.

26. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti, għalkemm timporta l-merkanzija u xorb minn barra minn Malta u ilha tagħmel dan għal ħafna snin u topera esklussivament minn ġewwa l-maħżen tagħha ta' Ħaż-Żebbuġ, ma hijiex reġistrata bħala '***kustodju ta' maħżen ta' Sisa awtorizzat***' u għalhekk ma hijiex eżenti milli twaħħal it-tikketti tas-Sisa fuq kull flixkun illi hija taħżen, peress illi l-maħżen tagħha mhuwiex awtorizzat biex jinżammu flixken tax-xorb mingħajr tikketta.

*27.* Jirriżulta, di fatti, illi la darba l-merkanzija ma kinetx qiegħda tinżamm ġewwa maħżen tas-Sisa awtorizzat, l-obbligu tat-twaħħil tat-tikketta fi żmien ħamest ijiem tapplika.

28. Jirriżulta illi waqt l-ispezzjoni tal-Uffiċjali tad-Dwana huma sabu madwar 36,388 flixkun tax-xorb alkoħoliku illi ma kellhom ebda tikketta mwaħħla fuqhom filwaqt illi sabu 12,813 tikketta tas-Sisa antika akkwistati fis-sena 2017 u qabel, tal-lewn il-fidda, kif ukoll 26,029 tikketta illi kienu ġew akkwistat fis-snin 2019 u 2020, liema tikketti ma kinux ġew imwaħħlin.

29. Jirriżulta illi, sussegwentment, l-Uffiċjali tad-Dwana pproċedew biex ħadu magħhom ix-xorb kollu minnhom misjub mingħajr tikketta kif ukoll it-tikketti kollha illi ma kinux għadhom imwaħħla skond il-Liġi, u dana kif jidher aħjar mir-riċevuta eżebita mill-intimati fllimkien mal-provi tagħhom, datata 11 ta' Jannar 2021 u li tinstab a fol 92 tal-proċess.

30. Sussegwentement, fil-11 ta' Frar 2021, inħarġet in-Nota ta' Qbid Nru 32/2021 illi kkonfermat il-konfiska tal-oġġetti.

31. Jirriżulta illi, waqt il-mori tal-proċeduri odjerni, l-intimat, permezz ta' nota datata 1 ta' Marzu 2022, għarraf lill-Qorti illi l-oġġetti maqbuda bin-nota ta' qbid 32/2021 kienu ser jiġu rkantati. (fol 35)

32. Jirriżulta illi sussegwentement, fit-18 ta' Marzu 2022, l-intimat ikkomunika mas-soċjeta' rikorrenti u għarrafha illi kien dispost illi jaċċetta ħlas ta' €36,750 għax-xorb kollu minnu konfiskat, ossija nofs il-valur tagħhom stmat għal €73,509.32 (fol 340), liema offerta ma kinetx aċċettata mis-soċjeta' rikorrenti peress illi x-xorb kien gia skadut, u dana kif stqarr ir-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, Neil Ellul Sullivan, fix-xhieda tiegħu mogħtija fil-11 ta' Jannar 2024. (fol 338)

33. Jirriżulta illi, eventwalment, f'April tas-sena 2022, ix-xorb hekk konfiskat ġie mibjugħ permezz ta' '*sale by tender*' u dana għal prezz ta' €56,495, u dana kif jidher mix-xhieda u d-dokumentazzjoni eżebita minn David Brydon, Uffiċjal tad-Dwana. (fol 87)

**Ikkunsidrat**

34. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri odjerni, is-soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob lill-Qorti:

    a. tiddikjara illi n-Nota ta' Qbid Nru 32/2021 datata 11 ta' Frar 2021 inħarġet inġustament, b'mod arbitrarju u nġust, u għalhekk tista' tiġi revokata;

    b. Tordna r-rilaxx tal-oġġetti maqbuda;

c. Tillikwida d-danni f'każ illi l-merkanzija tkun laħqet tħassret.

35. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti tikkontendi illi, minħabba fil-pandemija tal-Covid, l-impjegati tagħha ma setgħux jidħlu għax-xogħol minħabba illi kienu persuni vulnerabbli. Riżultat ta' dan, is-soċjeta' rikorrenti ikkontendiet illi, peress li ma setgħetx tlaħħaq mal-obbligu impost fuqha mil-Liġi tal-ħamest ijiem, minħabba f'nuqqas ta' impjegati, hija kienet bdiet tadopera sistema illi twaħħal it-tikketti tas-Sisa meta toħroġ il-merkanzija barra għall-ġewwa l-ħwienet u/jew għal bejgħ.

36. Jirriżulta, madanakollu, illi fl-ebda mument ma' talbet lid-Direttur Ġenerali tad-Dwana sabiex tingħata xi permess speċjali sabiex tadopera tali sistema minħabba fil-pandemija tal-Covid, u wisq anqas ma jidher illi l-Awtoritajiet kompetenti ħarġu xi Leġislazzjoni Sussidjarja illi tippermetti lis-soċjeta' rikorrenti illi ma twaħħalx it-tikketti skond il-Liġi fil-perjodu fuq stabbilit.

**Ikkunsidrat**

37. Din il-Qorti tosserva illi, kif ħareġ ċar mill-provi prodotti, partikolarment l-affidavit dettaljat u ċar tal-fizzjal tad-Dwana Priscilla Haidon, illi l-bolol tas-Sisa kollha illi nstabu fil-maħżen tas-soċjeta' rikorrenti lkoll inxtraw ferm oltre l-perjodu ta' ħamest ijiem stabbilit fil-Liġi, meta nstabu l-fliexken u l-bolol tas-Sisa fil-11 ta' Jannar 2021.

38. Jirriżulta illi, filwaqt li kien hemm xi bolol tas-Sisa tas-snin 2012 sas-sena 2017, ħafna mill-bolol tas-Sisa illi setgħu jiġu rintraċċjati mal-import tax-xorb illi sussegwentement ġie konfiskat, kienu inxtraw fis-17 ta' Diċembru 2020.

39. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi s-soċjeta' rikorrenti naqset milli tonora l-obbligu impost fuqha bħala '*Registered Consignor*' illi twaħħal it-tikketti tas-Sisa fuq il-fliexken fi żmien ħamest ijiem mid-data tal-akkwist tat-tikketta tas-Sisa.

40. Għalhekk, ma jista' jkun hemm ebda dubju illi, fil-11 ta' Jannar 2021, meta l-uffiċjali tad-Dwana marru fil-maħżen tas-soċjeta' rikorrenti u sabu u, sussegwentement, kkonfiskaw numru konsiderevoli ta' fliexken tal-inbid, dawna kienu qed jeżerċitaw id-dritt u obbligu fuqhom impost fir-Regolamenti stabbiliti fit-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap 382, partikolarment ir-Regolament 12 (5) (b), liema regolament jipprovdi illi għandu jkun hemm konfiska kemm tal-faxex tas-Sisa mhux imwaħħlin kif ukoll tax-xorb mingħajr faxxa.

41. Għalhekk is-soċjeta' rikorrent ma tista' bl-ebda mod tinsisti illi n-Nota ta' Qbid 32/2021, datata 11 ta' Frar 2021, "*inħarġet inġustament, b'mod arbitrarju w inġust*" kif saħqet fir-rikors promotur tagħha.

42. Jidher ċar illi, f'mumenti ta' diffikulta' illi s-soċjeta' rikorrenti kienet għaddejja minnha riżultat tal-pandemija Covid, diffikulta' illi kienet qed taffettwa lill-ażjendi kummerċjali f'Malta kollha, l-istess soċjeta' rikorrenti għażlet illi tieħu l-Liġi b'idejha u tonqos milli tonora l-obbligu tal-ħamest ijiem impost fuqha.

43. Jidher illi s-soċjeta' rikorrenti qiegħda tittenta tqajjem l-argument ta' ħruġ inġust u arbitrarju tan-Nota ta' Qbid, peress illi saħqet illi kienet tippretendi illi d-Direttur Ġenerali tad-Dwana joħroġ istruzzjonijiet ġenerali sabiex dak operat mis-soċjeta'

rikorrenti ma jitqiesx bħala in vjolazzjoni tal-obbligi imposti fuq l-istess soċjeta' rikorrenti.

44. Din il-Qorti, madanakollu, ma tistax ma' tosservax illi minn imkien ma jidher illi s-soċjeta' rikorrenti ippruvat tistaqsi lid-Direttur Ġenerali tad-Dwana għal xi eżenzjoni temporanja jew inkella sabiex titqies bħala maħżen awtorizzat tas-Sisa kif trid il-Liġi, iżda kull ma għamlet hija illi, xjentement, naqset milli tonora l-obbligu tagħha, liema nuqqas għamlitu, mhux fuq numru żgħir ta' fliexken, iżda fuq sitta u tletin elf, tlett mija u tmienja u tmenin (36,388) flixkun tal-inbid, numru illi jindika illi tali prassi ma kinetx waħda dettata minn diffikultajiet ikkawżati mill-Covid, iżda minħabba raġunijiet oħra illi tafhom biss is-soċjeta' rikorrenti, liema raġunijiet ċertament ma jiġġustifikawx l-aġir tas-soċjeta' rikorrenti bi ksur tal-Liġi.

45. Għalhekk, din il-Qorti ma ssib xejn ċensurabbli fl-aġir ta' l-intimat Direttur Ġenerali (Dwana), u għalhekk il-ħruġ tan-Nota ta' Qbid 32/2021 fil-11 ta' Frar 2021 kienet waħda ġustifikata u korretta.

46. Għalhekk, it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti ma jistgħux jitqiesu favorevolment.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet kollha fil-meritu ta' l-intimat Direttur Ġenerali (Dwana), u għalhekk:

**Tiċħad** it-talbiet kollha tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotti.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tas-soċjeta' rikorrenti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**